**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2013**

**Ir-Raba' Sena** | **Reliġjon** | **Ħin: Siegħa u Kwart**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________

**Taqsima A** **(10 marki)**

**Qabbel is-sentenzi ta' kolonna A mas-sentenzi ta' kolonna B billi timla n-numri minn 2 sa 11 fil-kolonna l-vojta tan-nofs.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Sakemm kellu tletin sena | | hija l-festa ta' meta twieldet il-knisja. |
| 2. | Permezz tal-Magħmudija | | meta aħna nkunu ħbieb ta' xulxin. |
| 3. | Il-quddiesa | | Ġesu' biddel l-ilma fl-inbid. |
| 4. | Il-Knisja f'Malta | | nkunu qed nitkellmu ma' Alla. |
| 5. | Lil San Pawl | | hija l-aktar ħaġa sabiħa li nagħmlu fil-parroċċa tagħna. |
| 6. | Il-Pentekoste | 1 | Ġesu' kien jgħin lil missieru bħala mastrudaxxa. |
| 7. | Ġesu' jieħu gost | | aħna nsiru membri fil-familja ta' Alla. |
| 8. | L-Ispirtu s-Santu | | biex imexxu l-knisja tiegħu f'ismu. |
| 9. | Fit-Tieġ ta' Kana | | insejħulu missierna għax ġab il-fidi f'pajjiżna. |
| 10. | Meta aħna nitolbu | | se jdum jieħu ħsieb il-knisja tagħna għal dejjem. |
| 11. | Ġesu' għażel tnax-il appostlu | | ilha għal ħafna u ħafna snin. |

## Taqsima B (10 marki)

**Immarka (√) biex turi jekk hijiex VERU jew FALZ.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1. | Għandna nagħmlu eżatt kif qalilna Ġesu'. | √ | |
| 2. | Is-sagramenti huma sitta. | | |
| 3 | L-Imdina kien hemm l-ewwel parroċċa f'Malta. | | |
| 4. | Ġesu' jrid li waqt il-logħob aħna noqogħdu niġġieldu. | | |
| 5. | Fil-quddiesa aħna noqogħdu nitkellmu bejnietna. | | |
| 6. | L-insara tal-bidu kienu jidfnu l-mejtin fil-katakombi. | | |
| 7. | Fil-Qrar aħna nerġgħu nagħmlu ħbieb ma' Ġesu'. | | |
| 8. | L-isqfijiet qegħdin jagħmlu x-xogħol tal-Appostli. | | |
| 9. | L-ewwel isqof ta' Malta kien San Pawl. | | |
| 10. | "Agħti ġieh lil missierek u lil ommok" huwa sagrament. | | |
| 11. | San Pawl dam Malta madwar sitt xhur. | | |

## Taqsima Ċ (10 marki)

**Ikteb l-isem tal-personaġġ li jaqbel ma' din id-deskrizzjoni.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

1. Jiena r-Ragħaj it-Tajjeb. <u>Ġesu'</u>
2. L-aktar bniedem li ġrejt madwar id-dinja biex inxandar il-kelma ta' Ġesu'. ____________________
3. Kont l-ewwel martri tal-knisja. ____________________
4. Kont mal-Appostli fil-kamra dakinhar li niżel fuqna l-Ispirtu s-Santu. ____________________
5. Lili fejjaqni Pawlu meta ġie Malta. ____________________
6. Ġesu' għażilni biex inkun l-ewwel kap tal-Knisja. ____________________

**Taqsima D** **(12-il marka)**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

L-appostli kienu miġburin flimkien f'kamra kbira jitolbu. F'daqqa waħda semgħu bħal riħ qawwi li mela l-kamra fejn kienu joqogħdu. Raw ukoll bħal dawl qisu lsien tan-nar li qagħad fuq kull wieħed minnhom. Mar-riħ u d-dawl indunaw li kien nieżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu li kien wegħedhom Ġesu'. L-appostli u d-dixxipli ħassewhom mibdulin.



L-Ispirtu s-Santu tahom ħajja ġdida. Il-Knisja bdiet taħdem bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. L-appostli bdew jiftakru u jifhmu aħjar dak li qalilhom Ġesù.

1. X'jgħidulha l-festa ta' meta l-knisja twieldet mill-ġdid?

_______________________________________________ **(2 marki)**

2. Kif taħseb li ħassewhom id-dixxipli qabel niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu?

_______________________________________________ **(2 marki)**

3. Kif ħassewhom mibdulin meta niżel l-Ispirtu s-Santu?

_______________________________________________ **(2 marki)**

4. X'għamlu d-dixxipli wara li niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu?

_______________________________________________ **(2 marki)**

5. Kompli dawn is-sentenzi. L-Ispirtu s-Santu

a) jgħin lit-tfal biex _______________________________________________

_______________________________________________

b) jgħin lill-papa biex _______________________________________________

_______________________________________________

**(4 marki)**

**Taqsima E** (10 marki)

**Imla l-vojt billi ddaħħal dan il-kliem.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Il-Miġja ta' San Pawl f'Malta**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| tempesta | imqalleb | lifgħa | erbatax | ħuġġieġa | ~~ġifen~~ |
| ankri | gżira | Ruma | alla | anġlu | |

Pawlu telaq bil-**ġifen** mill-Palestina għal ________________________ biex jidher fil-qorti t'hemm. Qabel wasal Ruma, qamet ________________________ kbira. Fuq il-ġifen kien hemm ħafna nies qed jibżgħu li jmutu. Imma Pawlu għamlilhom il-qalb u qalilhom li ħadd ma kien se jintilef għax dak il-lejl deherlu ________________________ u qallu li kulħadd kien se jsalva. Għaddew ________________________-il jum sakemm fl-aħħar resqu lejn ________________________ jisimha Malta. Għalhekk tefgħu l-________________________ fil-baħar u qagħdu jistennew li jisbaħ għax kien il-lejl. Meta sebaħ ippruvaw jidħlu fil-bajja. Għalkemm il-baħar kien ________________________ kollha waslu l-art. Kif niżlu l-art, in-nies tal-gżira laqgħuhom tajjeb ħafna u qabbdulhom ________________________ biex jisħnu. Minn qalb il-ħatab telgħet ________________________ u gidmet lil Pawlu. In-nies stennew li se jaqa' u jmut. Imma meta raw li ma ġralu xejn ħasbu li hu xi ________________________.

**Taqsima F** **(10 marki)**

**Ħares lejn l-istampi t'hawn taħt.**
**Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Stampa **A**



Stampa **B**



Stampa **Ċ**

1. Min huwa dak li jidher fi stampa **A**?

________________________________________ **(2 marki)**

2. Dak li jidher fi stampa **B** huwa Monsinjur Pawlu Cremona. X'insejħulu lil dan?

________________________________________ **(2 marki)**

3. Ikteb l-isem tal-persuna li tidher fi stampa **Ċ**.

________________________________________ **(2 marki)**

4. Ikteb **żewġ** sentenzi biex turi li taf x'inhu x-xogħol taż-żewġ persuni li jidhru fi stampi **B** u **Ċ**.

a) ________________________________________

________________________________________

b) ________________________________________

________________________________________

**(4 marki)**

## Taqsima Ġ (8 marki)

**Ikteb l-isem tal-post li jaqbel mad-deskrizzjoni. Agħżel waħda minn dawn.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| via sagra | Fonti | konfessjonarji | tabernaklu |
| qniepen | Ambone | kalċi | artal |

1. Fih inżommu lil Ġesu' sagramentat. _______________
2. Minn fuqu tinqara l-kelma t'Alla. _______________
3. Kaxxi kbar biex fihom isir il-qrar. _______________
4. Forma ta' mejda li fuqha niċċelebraw l-Ewkaristija. _______________
5. Erbatax-il pittura li juru l-Passjoni ta' Ġesu'. _______________
6. Fih jinżamm l-ilma mbierek. _______________
7. Jindaqqu waqt xi festa jew funzjoni tal-knisja. _______________
8. Tazza li fiha jkun hemm l-inbid. _______________

## Taqsima G (5 marki)

**Kompli din it-talba li għallimna Ġesu'.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| art | ħati | dnubietna | ~~Missierna~~ | deni | ismek |

<u>Missierna</u> li inti fis-smewwiet, jitqaddes ____________________, tiġi saltnatek, ikun dak li trid int, kif fis-sema hekkda fl-____________________. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum. Aħfrilna ____________________, bħalma aħna naħfru lil min hu ____________________, għalina. La ddaħħalniex fit-tiġrib, iżjed eħlisna mid-____________________, Ammen.

**Taqsima H** (12-il marka)

**Bħala Nisrani/ja tajjeb/tajba, x'għandek tagħmel meta:**

1. Tinduna li l-ħabib tiegħek ma ġabx x'jiekol miegħu l-iskola.

___

2. Il-ħabib tiegħek jirbaħlek waqt il-logħob.

___

3. Tara mara anzjana ġġorr basket tqil.

___

4. Xi ħadd fil-klassi tiegħek jgħid kelma b'oħra fuqek.

___

5. Waqt il-brejk tinduna li hemm tifla waħedha.

___

6. Xi ħadd minn sħabek jinsab l-isptar.

___



**Taqsima Ħ** **(13-il marka)**

**Aqra din is-silta qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Waqt il-ħin tal-quddiesa Luca ftakar f'xi ħaġa li kellu jgħid lil Michael. Għalhekk iddeċieda li jersaq iżjed viċin tiegħu biex ikun jista' jitkellem dwar il-logħba favorita tagħhom. Għall-ewwel Michael baqa' jipparteċipa u jkanta. Imbagħad meta nduna dwar xiex xtaq ikellmu Luca, beda jpaċpaċ huwa wkoll. Tant bdew jagħmlu storbju biex jitkellmu li xi nies fil-knisja bdew isikktuhom.

1. X'għamlu ħażin it-tfal waqt il-quddiesa?

_______________________________________________ **(2 marki)**

2. X'kont tagħmel li kieku inti kont minflok Michael?

_______________________________________________ **(2 marki)**

3. Kif taħseb li jixtieqna nġibu ruħna Ġesu' waqt il-quddiesa?

_______________________________________________ **(2 marki)**

4. Ikteb **tliet** affarijiet oħra li nagħmlu fil-quddiesa.

a) _______________________________________________

b) _______________________________________________

ċ) _______________________________________________

**(3 marki)**

5. Kif għandek iġġib ruħek:

a) waqt li l-qassis qed jaqra l-Kelma t'Alla?

_______________________________________________

b) waqt il-ħin tat-tqarbin?

_______________________________________________

**(4 marki)**

**TMIEM IL-KARTA**